

**Ċerusalem.** — Dehra tal-kappella tal-Franġiskani fuq il-Kalvarju, bix-xogħol tal-mużajk fil-ħitan u s-saqaf, u quddiem, jidher l-artal tat-Tislib.

il-ħaddiema tad-Ditta Monticelli ta' Ruma. Fuq l-artal, fis-saqaf hemm xbieha tas-salib u ma' dwaru tnaxer ħamiema li jfissru Ġesù Kristu mdawwar bit-tnax l-Appostlu.

**Tifkiriet tal-Passjoni** — F'dal mużajk li jżejjen il-kappella hemm ħafna tifkiriet tal-Passjoni, sewwa bit-tixbih —bħad-debħa ta' Iżħak — u sewwa b' tismijiet mill-Kotba tal-Għaqda l-Qadima. Hekk, hemm ix-xbiehat ta' Danjel, Iżajija, David, u Żakarija, kull wieħed iżomm karta f'idu, bil-kliem li kiteb hu fuq il-Passjoni ta' Kristu. Kliem ta' Danjel: "U wara tnejn u sebgħin ġimgħa jinqatel Kristu". Ta' Iżajija: "Indebaħ għax ried Hu, u ma fetaħx fommu". Ta' David: "Nifdu idejja u riġlejja"; u ta' Żakkarija: "U qagħdu jħarsu lejja wara li nifduni."

Hekk, mela, il-kappella tal-Franġiskani li tmiss mal-Blata Mqaddsa tal-Kalvarju, tfakkar lil min iżurha, bix-xbihat u bil-kitba, fil-ġrajja ta' niket u ħasra li minnha għadda Sidna Ġesù Kristu, hemm fuq il-Kalvarju, ħtija ta' dnubietna.

Fra Elija O.F.M.

---

# IL-GĦAMJA TA' NAZARET

Nazaret kienet raħal żgħir, qisha xi raħal minn dawk iż-żgħar li hemm Għawdex, magħmul minn ftit għorof mibnija 'l hawn u 'l hemm qalb il-għelieqi. F'għalqa minnhom kien hemm naqra ta' dar minn dawn, mirfuda ma' ħanek tal-blat. Il-ħajt tas-sejjieħ ta' quddiemha kien magħluq b'xatba żgħira. Kienet id-dar ta' Jusef in-Naġġar, li kien minn Betlehem, imma ġie joqgħod hawn ilu kemm il-sena. Kellu l-mara jisimha Mirjam, u tifel wieħed, żgħir, jismu Jesugħ.

Kien jum tal-Ħarifa, ftit qabel nofs inhar. Ix-xatba stemgħet tinfetaħ u stama' leħen ta' tifel żgħir igħajjat; "Ma!... J'ommi!" Kien Jesugħ, it-tifel ta' Mirjam u Jusef, ta' xi disa' snin. Kien irqajjaq u bajdani, ħafi u xagħru twil. Mirjam, mara żagħżugħa ta' ftit fuq il-għoxrin sena, xirfet minn bieb il-għorfa u qaltlu: "Hawn jien. Xi trid?"

"Qallek abuwi (jiġifieri missieri) agħtini dawk l-imsiemer li hemm fuq il-farxa!"

Mirjam daħlet ġewwa u t-tifel daħal warajha. "Fuq il-farxa ma hawnx imsiemer," qaltlu. "Ara humiex fuq il-farxa l-oħra", raġa' t-tifel; "hemm, ġewwa dik il-bieqja l-kbira!"

Mirjam meddet idha u tnewlet il-bieqja minn fuq il-farxa u ħarset ġewwa fiha. "Iwa, hawn qegħdin. Ħudhom," qalet lit-tifel. Imbagħad daħħlet idha ġewwa ġewlaq li kien imdendel mal-ħajt u ħarġet minnu lanġasa kbira. "Ħa din ukoll," qalet lit-tifel. "Kulha!"

It-tifel ħa l-lanġasa, għorokha ma' ħaddejh u qal: "Subhan 'l Alla!" Imbagħad ħareġ barra u raġa' ġie b'x'erba' werqiet tal-ġewż minn siġra li kienet hemm ħada l-għorfa. Qegħedhom fuq l-imsiemer ġewwa l-bieqja u qiegħed fuqhom il-lanġasa. "Mela m'intix sa tekolha?" saqsietu ommu.

"Sa neħodha miegħi u nagħti nofsha lil abuwi", qalilha t-tifel. Mirjam reġgħet fetħet il-ġewlaq u ħarġet minnu lanġasa oħra. "Ħa din ukoll; agħtiha lill-abuk", qaltlu. Imma t-tifel qegħdha ġewwa l-bieqja fuq il-weraq, ma' ġenb l-oħra. "M'intix sa tekolha l-lanġasa? reġgħet saqsietu ommu.

"M'hux issa; x'ħin immur. Għax jekk nekolha issa, naf x'jagħmel abuwi. Jekk ma jaranix niekol lili wkoll, jagħtini l-lanġasa tiegħu. Jien ma rridx niekol lanġastejn u hu ma jiekol xejn!"

"Fejn sejra, ma?" saqsa t-tifel, kif raha tixħet l-ażar (bħal ħarqa kbira bajda) fuq rasha.

"Sejra għand Raħla, dik il-mara l-għamja li toqgħod hawn wara. Sa nagħtiha x-xalla tas-suf li kont tarani naħdmilha."

"Ħa' niġi miegħek, ma!" talabha t-tifel.

"M'intix sejjer għand abuk bl-imsiemer?" qaltlu.

"Ma hux mgħaġġel għalihom. Issa niġi miegħek u mbagħad nibqa' sejjer!"

Mirjam u binha ħarġu x-xatba u lwew 'il fuq fejn kienet toqgħod Raħla. Il-bieb tal-għorfa tagħha kien miftuħ, u Mirjam u t-tifel waqfu barra jħarsu lejha qabel ma daħlu. Mirjam tbaxxiet, qegħdet xuftejha ma' widnet binha u qaltlu minn taħt ilsien: "Miskina! Ma tarax. Kieku jaħasra tfieq!"

"Ħa mmur nara," wieġeb it-tifel u newwel 'l ommu l-bieqja tal-imsiemer, biex iżżommhielu ftit. Daħal fil-għorfa ta' Raħla fuq rjus subgħajh. Hi kienet bil-qegħda saqajha taħtha fuq donnu bank baxx u wiesa'. It-tifel tbaxxa quddiemha u qiegħed idejh fuq ir-rkubtejh, iħarsilha lejn wiċċha. Hi donnha ħasset li kien hemm xi ħadd qribha, għax bdiet iddawwar wiċċha 'l hawn u 'l hemm, u t-tifel idawwar ħarstu magħha. Wara ftit qam u dar. Ħares lejn ommu, rafa' rasu 'l fuq u qiegħed sebgħu taħt ilħitu, donnu qiegħed ifarfar xi ħaġa, jiġifieri "le". Resaq lejha u hi tbaxxiet, u qalilha f'widnitha: "Ma tistax".

"Għaliex ma tistax?" reġgħet ommu. "Agħtiha x-xalla; issa ngħidlek x'ħin immorru," weġibha t-tifel.

Mirjam daħlet fil-għorfa u resqet lejn il-għamja u qaltilha: "Raħla, ġibtlek ix-xalla li kont wegħedtek. Hawn hi ħudha!" Il-għamja ħadet ix-xalla, għafsitha f'idejha u "Nizżik ħajr!" qaltilha. "Alla jħennik, Mirjam!" "Alla jsabbrek!" weġbitha Mirjam u ħarġet 'il barra. "Issa għidli għala ma tistax tfieq" saqsiet Mirjam lil binha kif imxew ftit.

It-tifel waqaf u ħares 'il fuq, lejn ommu. "Għax biex xi ħadd ifiq," weġibha, "ma hix biżżejjed il-qawwa minnaħa waħda. Irid ikun hemm il-qaw-

wa minn żewġ naħat. Min ifiq irid ikun għamel xi ħaġa tal-ġid f'għomru, jew tal-anqas, bi ħsiebu jagħmel għalli ġej, biex il-ħniena t'Alla jkollha fuq iex taqbad. Din qatt ma għamlet ġid f-għomorha, għax fuq wiċċha ma hemmx egħliem, u anqas ma bi ħsiebha tagħmel. Hekk, għamja kif inhi, ma tagħmelx ħsara, għax ma tistax. Jekk tfiq, tarġa' tagħmel. Mela ma jaqbilx tfiq!''

''Ah, iwa!'' qalet Mirjam. ''Sewwa, sewwa! Qegħda nifhmek tajjeb. Le, taş-sew, ma jaqbilx!''

Dak il-ħin kienu waslu quddiem il-ħajt baxx tal-għalqa tagħhom. Jesugħ tbaxxa u bla kliem, bies id ommu, kif kienet imdendla ma' ġenbha. Qabeż il-ħajt tal-għalqa bil-bieqja tal-imsiemer f'idu u l-lanġasiet u baqa' sejjer fejn kien jaħdem Jusef.

Ġuża.

---

# NAQRA TA' MUŻEW

*(Jorbot mal-ħarġa ta' qabel, faċċata 51)*

Il-ħaġa l-oħra, għedt li hi bħal sfinġa tal-ħaġar. Il-ħaqq hu li ma nafx infisser sew kif inhija. Hi bħal għoqda tal-ħaġar, tixbah lil patata mdaqqsa, mkemmxa, jew xi għanqud għeneb żgħir, marsus. Hija tal-qawwi u fiha l-għerq fejn kienet imqabbda. U f'iex tfakkarni dil-ħaġra? Tfakkarni fi ġrajja tal-biża' u ta' tiġrib.

F'Settembru tas-sena 1929 saret ġlieda oħra, akbar minn ta' qabel, bejn il-Għarab u l-Lhud. Minn l-iskola tal-Biedja, qalb ir-raba, fejn kont dak iż-żmien, kull lejla konna naraw xi raħal tal-Lhud jinħaraq. Konna hemmhekk weħedna, nistennew minn lejl għal ieħor li jiġu l-Għarab mill-bgħid, jaħsbuna Lhud u jaħbtu għalina.

Il-agħar kien meta l-Għarab ħabtu għal raħal tal-Lhud jismu Kafr-Urja li kien ma' ġenbna sewwa. L-iskola hi fuq għolja żgħira u fix-Xmiel tagħha hemm wied igħidulu Wadi Surik. Fix-xaqliba tal-għolja l-oħra, 'il hemm mill-wied, kienet Kafr-Urja. Darba f'xi l-għaxra ta' bil-lejl, meta kulħadd fl-iskola kien rieqed, ftit bgħid nisma' tiri ta' revolvrijiet u għajjat. Xrift inħares mit-tieqa: Kafr-Urja kienet ħuġġieġa waħda. Ilsna tan-nar jogħlew; xrar itir; duħħan jinbaram, tiela' sassema. Sparar, u għajjat ta' nies. Ma' kull tir li nisma' kont ngħid f'qalbi: ''Min jaf b'dat-tir inqatelx xi bniedem?'' Żolt mit-tieqa u tlajt fuq il-bejt u bqajt hemm il-lejl kollu biex nagħti n-nafra jekk naħsel nara xi għajn ħażina.

Wara smajna li f'ħejjet Alla f'Kafr-Urja ma kien miet ħadd, għax il-Lhud li kienu fiha laħqu ħarbu.

Żmien wara l-ġlieda birdet. U kif konna nduru darba waħda, morna naraw kif sefgħet Kafr-Urja. Kull imkien irmied u ġmied. Sodod u għamara mkissra, kotba mqattgħa, u qatigħ bolli ta' l-ittri imxerrdin fl-art. Il-Għarab kienu ħarqu jew kissru dak li ma ħadux. Il-ħamiem tal-Lhud kien għadu hemm, jittajjar. U l-kelba tagħhom, bajda bit-tbajja suwed, kienet għadha hemm ukoll. Għajjatnielha biex tiġi magħna, imma beżgħet, u ħarbet il-bgħid. Hemm ukoll rajt ħaġa li stagħġibt biha u bqajt inżommha f'rasi s'issa: zkuk tas-siġar, nexfin qoxqox, imwaħħla fl-art, u magħhom marbut il-''barbed wire'', u għad li nexfin dak l-inxief kollu, mill-egħkiesi tagħhom kien ħiereġ għoqod ta' weraq żgħir.

Dak inhar minn hemm ġbart din il-ħaġra u għadha għandi sal-lum, u tibqa' għandi minn jaf sa meta.